# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**(AGENT PRESIDENT)**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**
**ONOR IMHALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' Lulju 2017**

**Numru 1**

**Rikors numru 27/15 SM**

**L-Avukat Dr Lynn Zahra**

**v.**

**Il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja in rapprezentana tal-Kumitat tal-Avukati u Prokuraturi Legali**

## Preliminari

1. Dan huwa appell maghmul mill-Kummissjoni intimata minn sentenza parzjali [is-sentenza appllata] moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha tat-13 ta' Ottubru 2016, li permezz taghha dik il-Qorti rrespingiet l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja [il-Kummissjoni]

illi hija mhijiex il-legittimu kuntradittur ghall-azzjoni odjerna; irrizervat id-decizjoni taghha rigward l-ispejjez ghall-istadju finali u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fuq il-mertu.

*Il-Fatti*

2. Permezz tal-odjerni proceduri, ir-rikorrenti titlob lill-qorti tiddikjara li bl-ghemil tieghu l-Kumitat tal-Avukati u Prokuraturi Legali [il-Kumitat], ivvjola id-dritt fundamentali taghha ghal smigh xieraq kif protett mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-Kostituzzjoni] u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Drittijiet Fundamentali, fi procedura legali mehuda fil-konfront taghha fil-kawza fl-ismijiet **Il-Magistrat Francesco DePasquale v. Dr Lynn Zahra**, billi l-istess Kumitat ippermetta l-partecipazzjoni tal-Avukat Dr Vincent Galea, meta gie invokat biex jiddeciedi l-kawza tar-rikorrenti, minkejja li hi kienet talbet ir-rikuza tieghu, in kwantu tallega illi dan, f' okkazzjoni separata u precedenti l-kaz, kien heddidha li kien ser ipattijielha talli accettat li taghmel appell kriminali ta' klijent li l-istess Dr Vincent Galea kien iddefenda bhala Avukat tal-Ghajnuna Legali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), minghajr ma talbitu r-*release*.

*Is-Sentenza Appellata*

3. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Ikkunsidrat:

"7. Illi in vista tal-premess, (ara paragrafu numru hamsa, (5.), aktar qabel u foll 26), din hi biss sentenza parzjali rigwardanti l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-Kummissjoni intimata li hi mhix il-legittimu kontradittur ghall-azzjoni odjerna, (ara foll 15);

"Ikkunsidrat:

"8. Illi sintetikament, il-procedura odjerna tikkonsisti f'talba biex din il-qorti tiddikjara li gie vjolat id-dritt fundamentali tar-rikorrenti ta' smigh xieraq kif protett mill-artiklu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artiklu 6 tal-Konvenzjoni, fi procedura legali mehuda fil-konfront tar-rikorrenti quddiem il-Kumitat tal-Avukati u Prokuraturi Legali u dan, meta l-kumitat *de quo* ippermetta l-partecipazzjoni tal-avukat hemm indikat, u ghar-ragunijiet fuq espressi mir-rikorrenti, l-istess kumitat injora l-principji tal-gustizzja naturali fil-konfront tal-istess rikorrenti;

"Ikkunsidrat:

"9.0. Illi in risposta ghall-istess, il-Kummissjoni intimata ssosstni li dan il-Kumitat partikolari:

"9.1. Hu organu imwaqqaf mill-Kostituzzjni u mill-Kap 369 tal-Ligijiet ta' Malta; u

"9.2. Jagixxi b'mod li hu kompletament indipendenti mill-imsemmija Kummissjoni;

"10. Illi konsegwentement, il-Kummissjoni in kwistjoni ma tirraprezentax lill-kumitat *de quo*;

"11. Illi ghalhekk il-Kummissjoni intimata mhix il-legittimu kontradittur ghat-talbiet tar-rikorrenti;

"Ikkunsidrat:

"12. Illi a bazi tal-artiklu 101A tal-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni intimata ssostni li hu evidenti li l-Kommissjoni in dizamina u l-Kumitat in

kwistjoni huma:

"... zewg organi separati u li apparti li ghandhom funzjoniiet differenti minn xulxin, jagixxu fil-qadi tal-funzjonijiet taghhom b'mod awtonomu minn xulxin", (ara foll 30);

"13. Illi min-naha taghha r-rikorrenti ssostni fir-rigward li l-Kumitat in dizamina hu entita` li:

"... ma ghandux personalita` guridika u distinta...", (ara foll 32);

"Ikkunsidrat:

"14. Illi jibda biex jinghad f'dan ir-rigward li s-sub-artiklu 14 tal-artiklu 101A tal-Kostituzzjoni jistabbilixxi s-segwenti:

"Il-kwistjoni jekk il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja tkunx qdiet validament xi funzjoni moghtija lilha bi jew skont din il-Kostituzzjoni ma ghandiex tigi ezaminata minn ebda qorti";

"15. Illi pero`, *nonostante* il-posizzjoni kategorika mehuda fis-sub-artiklu fuq citat, issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali)***, fl-ismijiet ***L-Imhallef Carmelo sive Lino Farrugia Sacco vs. L-Onorevoli Prim Ministru et*** datata l-***5 ta' Gunju, 2014***, liema decizjoni ticcita ukoll b'approvazzjoni s-sentenza ***L-Onorevoli Imhallef Anton Depasquale vs. L-Onorevoli Prim Ministru et***, deciza fid-***29 ta' Jannar, 1999***, fejn b'referenza ghall-artiklu 101A (14) tal-Kostituzzjoni riferit fil-paragrafu precedenti rriteniet is-segwenti:

"Fi stat ta' dritt hadd ma hu fuq il-ligi, u l-kummissjoni mwaqqfa taht il-ligi biex hi wkoll thares il-ligi, tkun hielsa minn skrutinju mill-Qrati fil-kaz biss li s-setghat taghha tinqeda bihom skont il-ligi, jekk tmur lil hemm minn dawn is-setghat u tfassal principli anti-kostituzzjonali, tkun kisret il-ligi u l-Qrati – l-organu fdat bid-dmir li jara li l-ligi tithares – iharsu dak li tkun ghamlet hazin";

"16. Illi minn ezami tad-dispozizzjonijiet Kostituzzjonali li jiddeterminaw il-libertajiet fundamentali tal-bniedem, ma jirrizulta li hemm xejn li jezenta lill-Kummissjoni mill-iskrutinju gudizzjarju fir-rigward;

"17. Illi in fatti fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Grace Sacco vs. Onorevoli Prim Ministru et***, datata z-***17 ta' Settembru, 2013***, il-***Qorti Kostituzzjonali*** irriteniet is-segwenti f'sitwazzjoni analoga rigwardanti l-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku meta ezaminat jekk din il-Kummissjoni kienitx qdiet validament il-funzjonijiet taghha skont il-Kostituzzjoni:

"Gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana li l-artiklu 115 tal-Kostituzzjoni ma jezimix lill-Kummissjoni mill-obbligu taghha li tosserva d-dispozizzjonijiet kontenuti fil-Kapitlu IV tal-istess Kostituzzjoni, li jelenka d-drittijiet fundamentali tal-bniedem li huma applikabbli ghal kulhadd, sakemm ma jkunux espressament eskluzi fl-istess dispozizzjonijiet li tosserva dawn id-drittijiet fundamentali";

Ikkunsidrat:

"18. Illi jsegwi ghalhekk li l-artiklu 101A(14) tal-Kostituzzjoni fuq citat, (ara paragrafu numru erbatax, (14.), aktar qabel), ma jezonerax lill-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja mill-iskrutinju tal-qrati;

"19. Illi permezz tal-istess jigi ghalhekk assikurat li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-bniedem kif dedotti fil-Kapitlu IV tal-Kostituzzjoni u fil-Konvenzjoni fuq indikata, jibqghu dejjem salvagwardati minn tribunal imparzjali u indipendenti;

"20. Illi *di piu`*, fid-dawl tas-suespost hu ghalhekk pacifiku li *nonostante* dak espressament dikjarat fis-sub artiklu 14 tal-artiklu 101A tal-Kostituzzjoni, il-Kummissjoni in dizamina mhix ezenti mill-iskrutinju tal-qrati fil-limiti esposti;

Ikkunsidrat:

"21. Illi *del resto* din hi espressjoni moderna tal-principju antik tas-sovranita` tad-dritt li sintetikament jistabbilixxi li l-ebda persuna jew organu m'ghandu jkun il-fuq mill-ligi;

"22. Illi in effetti, kif jittraduci John Warrington f' "Aristotle's Politics and Athenian Constitution" (J.M. Dent, 1959, book III, s. 1287, p. 97), dan il-principju gia` kellu l-espressjoni cara u inekwivokabbli tieghu fil-hsieb ta' dan il-filosofu kbir meta kkristallizza s-segwenti:

"It is better for the law to rule than one of the citizens ... so even the guardians of the laws are obeying the laws";

"23. Illi *di piu`*, kif isostni Lord Steyn f'era ferm aktar ricenti minn dik indirizzata fil-paragrafu precedenti meta fil-"***House of Lords***" sostna s-segwenti fil-kawza fl-ismijiet "***R vs. Secretary of State for the House Department, ex p. Pierson [1998]***:

"Unless there is the clearest provision to the contrary, Parliament must be presumed not to legislate contrary to the rule of law. And the rule of law enforces minimum standards of fairness, both substantive and procedural";

“24. Illi *in oltre*, l-istess Lord Justice indikat fil-paragrafu precedenti jkompli jemfasizza f’dan ir-rigward fil-kaz fl-ismijiet ***R. (Roberts) vs. Parole Board [2005] UKHL45, [2005] 2 AC738***, ghalkemm f’lingwagg xejn gudizzjarju li ma jimmeritax li jigi hawn riprodott *verbatim*, li f’dan ir-rigward hu importanti li wiehed ma joqghodx jilghab ma dan il-principju fundamentali *stante* li kemm -il darba jsir dan wiehed ikun qieghed verament jimmina l-essenza tal-gustizzja, *stante* li l-uzu ta’ tali kumitat ikun ekwivalenti ghal “smigh fantazma”;

“25. Illi finalment, kif ritenut fl-artiklu 6 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropeja, (TFEU), 2012:

“The Union is founded on the principles of liberty, democracy, respect of human rights and fundamental freedoms, and the rule of law, principles which are common to the Member States”;

“Ikkunsidrat:

“26. Illi l-funzjonijiet tal-Kummissjoni intimata u tal-Kumitat li minnha jemana, joriginaw mis-sub-artiklu 6 tal-artiklu 101A tal-Kostituzzjoni, liema sub-artiklu jistipula s-segwenti:

“(a) Il-Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzja ghandha f’kull zmien ikollha Kumitat ghall-Avukati u Prokuraturi Legali li jkollu dik il-kompozizzjoni, u dawk il-funzjonijiet, dawk is-setghat u dmirijiet li jistghu jigu assenjati lilu b’ligi. Il-Kummissjoni ghandha fl-ezercizzju ta’ kull funzjoni taghha relattiva ghall-professjonijiet ta’ Avukat u ta’ Prokuratur Legali, tagixxi permezz tal-imsemmi kumitat b’dak il-mod, u suggett ghal dik ir-revizjoni kif dik il-ligi tista` tipprovdi;

“(b) Minkejja d-disposizzjoni tal-paragrafu (a) ta’ dan is-sub-artiklu, il-Kummissjoni ghandha tirreferi lill-Kumitat ghall-Avukati u Prokuraturi Legali... kull kwistjoni li tirrigwarda l-imgieba hazina ta’ avukati jew prokuraturi legali fl-ezercizzju tal-professjoni tieghu, u, hlief f’kaz ta’ appell, il-Kummissjoni ma ghandiex tagixxi xort’ohra fuq dik il-kwistjoni hlief wara li tkun irceviet u skont il-konkluzjonijiet tal-Kumitat f’dik il-materja. B’dan illi meta rapport tal-konkluzjonijiet tal-Kumitat ma jkunx ghadu gie pprezentat lill-Kummissjoni fi zmien xahrejn mil-jum meta l-kwistjoni tkun tressqet l-ewwel darba quddiem il-Kumitat, jew f’dak il-perjodu iehor jew perjodi ohrajn li l-Kummissjoni tista` tippermetti, li fl-ebda kaz, hlief ghal ragunijiet eccezzjonali hafna, ma ghandhom jissuperaw l-erba’ xhur, il-Kummissjoni ghandha minnufih tinvestiga l-kwistjoni u taqtaghha hi nnifisha”;

“27. Illi in vista tal-premess, ghandu jirrizulta pacifiku li fil-kazijiet li jirrigwardaw lill-Avukati u lill-Prokuraturi Legali, il-Kummissjoni intimata tagixxi tramite dan il-Kumitat appozitament imsemmi fis-

sub-artiklu 101A(6) tal-Kostituzzjoni riprodott fil-paragrafu precedenti;

"Ikkunsidrat:

"28. Illi in vista tal-premess jirrizulta li z-zewg organi in dizamina - il-Kummissjoni u l-Kumitat mhumiex organi kompletament separati u awtonomi minn xulxin *stante* li in effetti, tal-ahhar mhux xejn hlief estensjoni w emanazzjoni minn tal-ewwel;

Ikkunsidrat:

"29. Illi jirrizulta li l-Kumitat in dizamina m'ghandux dik il-personalita` guridika distinta mill-Kummissjoni li jemana minnha, u jagixxi biss in funzjoni tal-istess sub-artiklu 6 fuq riprodott;

"30. Illi ghandu jkun pacifiku li tramite dan l-espedjent tal-Kumitat *de quo*, il-Kummissjoni intimata holqot mekkanizmu specifiku biex il-kwistjonijiet rigwardanti l-avukati u l-prokuraturi legali jigu epurati b'dan il-metodu partikolari hekk maghzul;

"31. Illi in vista tal-premess, dan il-Kumitat partikolari ma jirrizultax li ghandu dik il-kapacita` guridika awtonoma rikjesta biex ikun dan l-istess Kumitat li *sua sponte* jinizja jew jiddefendi b'mod indipendenti, proceduri gudizzjarji li jistghu jigu indirizzati minnu jew kontra tieghu;

"Ikkunsidrat:

"32. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Prim'Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Peter Axisa proprio et nomine et*** vs. ***Segretarju Permanenti fi hdan il-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima li ssucieda ghall-mansjonijiet tal-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali et***, datata t-***8 ta' Frar, 2016***, li stabbiliet:

"Illi l-personalita` guridika huwa l-istatus moghti bil-ligi lil entita` li hija stabbilita ghal ghan legali mfisser bil-miktub fi strument li holoqha";

"33. Illi *nonostante* r-riferenza li ssir ghalih fis-sub-artiklu 6 tal-artiklu 101A tal-Kostituzzjoni, (ara paragrafu numru sitta u ghoxrin, (26.), aktar qabel), xorta wahda ma jirrizultax li dan il-Kumitat tal-Avukati u tal-Prokuraturi Legali in dizamina nghata dak l-gharfien formali mill-Istat biex jikkwalifika biex ikollu personalita` guridika distinta rikjesta;

"34. Illi ghalhekk, in vista tal-premess, ma jistax jigi ritenut li l-Kumitat *de quo* ghandu personalita` guridiku distinta biex ikun meqjus li verament ghandu ezistenza separata u indipendenti minn dik tal-

Kummissjoni minn fejn jorigina;

"35. Illi ghaldaqstant, il-Kumitat *de quo* ma jistax jitqies li hu entita` awtonoma mill-Kummissjoni, u konsegwentement, ma jistax jigi ritenut li ghandu personalita` guridiku separata, awtonoma u distinta mill-Kummissjoni in kwistjoni;

"Ikkunsidrat:

"36. Illi fid-dawl tas-suespost hi l-Kummissjoni intimata li ghandha twiegeb ghall-ilmenti indirizzati mir-rikorrenti;

*L-Appell*

4. Il-kummissjoni intimata giet awtorizzata tappella ai termini tal-Artikolu 231(1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili [il-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta] fit-3 ta' Novembru 2016, u fit-23 ta' Novembru 2016 ipprezentat ir-rikors tal-appell de quo li permezz tieghu qed, tilmenta li thossha aggravata mill-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-Kumitat ma jistax jitqies li hu entita` awtonoma mill-Kummissjoni, u konsegwentement, ma jistax jigi ritenut li ghandu personalita` guridiku separata, awtonoma u distinta mill-Kummissjoni.

5. Ghalhekk qed titlob lil din il-Qorti sabiex thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, filwaqt li tilqa' l-eccezzjoni sollevata minnha, tiddikjara li l-Kummissjoni mhijiex il-legittimu kuntradittur f'dawn il-proceduri, tichad it-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

6. Da parti taghha r-rikorrenti ma pprezentatx risposta bil-miktub ghar-rikors tal-appell tal-Kummissjoni.

*L-Aggravji*

7. Il-Kummissjoni intimata tibda billi tissottometti illi, ghalkemm l-ewwel Qorti ghamlet referenza ghas-subartiklu 14 tal-Artikolu 101A tal-Kostituzzjoni u ghas-sentenza **Carmelo sive Lino Farrugia Sacco v. l-Onorevoli Prim Ministru et** hija qatt ma ghamlet sottomissjoni fis-sens li l-Qorti ma kellhiex tiskrutinja l-operat taghha jew tal-Kumitat, izda llimitat ruhha illi tecepixxi li hi ma hijiex il-legittimu kuntradittur stante li l-Kumitat huwa organu mwaqqaf mill-Kostituzzjoni u mill-Att dwar Kummissjoni ghall-Amministrazzjoni tal-Gustizzzja [Kap 369] tal-Ligijiet ta' Malta, li jagixxi ndipendentement mill-istess Kummissjoni u li ghalhekk din tal-ahhar m'ghandhiex is-seta' li tirrapprezentah.

8. Tghid li ghal kuntrarju ta' dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti, b'referenza ghall-Artiklu 101A tal-Kostituzzjoni, jekk wiehed jaghmel analizi profonda tal-kelma tal-ligi kif ukoll tal-funzjonament, setghat u doveri differenti tal-Kummissjoni u tal-Kumitat, wiehed ghandu jasal ghall-konkluzjoni illi effettivament dawn iz-zewg organi huma separati u awtonomi minn xulxin u, ghalkemm l-artikolu 101A(6) jistabilixxi li l-Kummissjoni *"ghandha f'kull zmien ikollha"* Kumitat u mal-ewwel daqqa

t'ghajn dan jista' jaghti l-impressjoni li l-Kumitat huwa parti mill-Kummissjoni, il-kumplament tal-artikolu jaghmilha cara li z-zewg organi huma effettivament separati u awtonomi minn xulxin. Fil-fatt l-istess artikolu jipprovdi illi l-Kumitat *"ghandu jkollu dik-komposizzjoni u dawk il-funzjonijiet, dawk is-setghat u dmirijiet li jistghu jigu assenjati lilu b'ligi."*

9. Ghalhekk hija l-ligi u mhux il-Kummissjoni li tistabilixxi l-komposizzjoni, funzjonijiet, setghat u dmirijiet tal-Kumitat. Tissenjala li, jekk wiehed jikkompara l-Kumitat ma' dawk il-Kumitati l-ohra li l-Kummissjoni ghandha l-poter li tahtar sabiex jghinuha f'kull haga li tigi fil-funzjonijiet taghha ai termini tal-Artiklu 101A(6)(c), wiehed jara li l-ligi titratta il-Kumitat b'mod differenti mill-kumitati l-ohra. Barra minn hekk, l-istess artikolu jistabilixxi li l-Kummissjoni *'ghandha fl-ezercizzju ta' kull funzjoni taghha relattiva ghall-professjonijiet ta' Avukat u ta' Prokuratur Legali, tagixxi permezz tal-imsemmi kumitat b'dak il-mod, u suggett ghal dik ir-revizjoni kif dik il-ligi tista' tipprovdi'.* Dan juri li l-Kummissjoni m'ghandhiex ghazla ohra hlief li tirreferi kull funzjoni relatata mal-professjoni ta' Avukat u Prokuratur Legali lill-Kumitat u ma tistax tiddeciedi l-kaz hi.

10. Tghid li ma jistax jinghad li l-Kummissjoni ghandha xi kontroll indirett fuq il-Kumitat, in kwantu dan huwa kompost minn 5 membri u wiehed minnhom biss huwa maghzul mill-Kummissjoni. L-Artikolu

101A(7) jistabilixxi wkoll li l-membri tal-Kumitat iridu jagixxu skont il-gudizzju individwali taghhom u ma jkunux suggetti ghal direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorita`.

11. Il-Kap 369 jistabilixxi mhux biss il-komposizzjoni tal-Kumitat izda wkoll il-poteri u s-setghat tieghu, bhal per ezezempju, l-Artikolu 4 jaghti lill-Kumitat is-setghat kollha li ghandha il-Prim'Awla tal-Qorti Civili skont il-kodici fuq citat. Dan ifisser li l-Kumitat jagixxi direttament u mhux tramite l-Kummissjoni bhal ma wiehed jistenna li kieku l-Kumitat kien semplicement kumitat jew sotto-kumitat normali fi hdanha. L-Artikolu 5(1) juri wkoll li s-setghat tal-Kumitat johorgu mil-ligi direttament u mhux mill-Kummissjoni. Il-poter li jiddeciedi kazijiet ta' mgieba hazina u ta' dixxiplina kontra avukati hija funzjoni u setgha moghtija direttament lill-Kumitat mil-Ligi u mhux mill-Kummissjoni.

12. Tghid li l-Artikolu 5(2) li jaghti s-setgha ta' investigazzjoni jew inkjesta lill-Kumitat huwa ezempju iehor ta' distinzjoni bejn ir-rwoli u s-setghat taz-zewg entitajiet bhala organi distinti u awtonomi minn xulxin u, filwaqt li l-Kumitat ghandu l-funzjoni esklussiva ta' investigazzjoni u decizjoni dwar affarijiet li jikkoncernaw il-professjoni tal-Avukati, jezisti dritt ta' appell quddiem il-Kummissjoni mid-decizjonijiet tal-Kumitat. Dan juri li necessarjament iz-zewg organi huma indipendenti u awtonomi minn xulxin.

13. Fir-rigward tal-kunsiderazzjoni tal-ewwel Qorti illi *'tramite l-espedjent tal-Kumitat de quo, il-Kummissjoni intimata holqot mekkanizmu specifiku biex il-kwistjonijiet rigwardanti l-avukati u l-prokuraturi legali jigu epurati b'dan il-metodu partikolari hekk maghzul'* tghid li m'hijiex il-Kummissjoni li holqot dan il-mekkanizmu izda l-ligi, kemm permezz tal-Kostituzzjoni kif ukoll permezz tal-Kap 369 fuq citat. Kieku dan kien mekkanizmu mahluq mill-Kummissjoni, allura wiehed jista' jaqbel illi l-Kumitat huwa semplicement estenzjoni tal-istess Kummissjoni bhal ma hu l-kaz tal-kumitati mwaqqfa mill-Kummissjoni taht l-Artikolu 101A(6)(c). Izda fil-kaz tal-Kumitat de quo, hija l-Ligi li tistabilixxi l-poteri, s-setghat u l-funzjoni taghha u mhux il-Kummissjoni. Dan juri kif iz-zewg organi ghandhom rwoli specifici, cari u distinti, li johorgu mill-ligi u li ma jistghux jigu mibdula b'xi mod la mill-Kummissjoni u lanqas mill-Kumitat.

14. Il-Kummissjoni taghmel referenza ghas-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili **Peter Axisa pro et noe v. Segretarju Permanenti fi Hdan il-Ministeru ghall-Izvilupp Sostenbbli, l-Ambjent u t-Tibdil fil-Klima li ssuccieda ghall-mansjonijiet tal-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali et** moghtija fit-8 ta' Frar 2012 li trattat il-personalita` guridika u stabbilit li dan huwa *status moghti bil-ligi lil entita` li hija stabbilita ghal ghan legali mfisser bil-miktub fi strument li holoqha.* Dan

inghad fil-kuntest ta’ organizazzjoni (Ta' Qali Producers Group) mhux registrata, mentri f’dan il-kaz il-Kumitat mhux biss ghandu l-gharfien tal-Ligi izda huwa addirittura imwaqqaf mil-Ligi u ghalhekk ghandha r-rikonoxximent tal-istat.

15. Li kieku l-interpretazzjoni tal-ewwel Qorti kienet korretta, allura lanqas il-Kummissjoni m’ghandha personalita` guridika u lanqas tista’ tharrek jew tigi mharrka, stante li kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Kumitat huma mwaqqfa bl-istess mod, u cioe` bl-Artikolu 101A tal-Kostituzzjoni u l-Kap 369.

16. Tghid li l-Kumitat ghandu jigi ezaminat ukoll fil-kuntest specifiku tal-funzjoni fundamentali li jaqdi, cioe` illi jirregola l-imgieba tal-professjoni legali, billi jinvestiga allegazzjonijiet ta’ imgieba hazina ta’ avukati, jisma` l-ilmenti minn terzi persuni kontra avukati, kif ukoll jenforza l-Kodici ta’ Etika tal-istess professjoni. Fil-kuntest Malti imgieba tal-professjonai legali hija regolata minn Kumitat awtonomu li ma huwiex regolat mill-istat jew organu iehor, u b’hekk tigi assigurata l-indipendenza u l-awtonomija tal-istess professjoni.

17. Tghid ukoll li wiehed irid jistaqsi, kif tista’ l-Kummissjoni qatt tezegwixxi sentenza eventwali moghtija kontra taghha f’kaz li l-Qorti ssib favur l-attrici, meta l-Kummissjoni ma ghandha ebda poter li timponi fuq

il-Kumitat dak li qed jigi mitlub mill-attrici? Li kieku jigi accettat illi l-Kummissjoni tista' tirrapprezenta lill-Kumitat fi proceduri legali, allura dan ser iwassal sabiex id-decizjoni ta' Qorti dwar l-operat tal-Kumitat ma tista' qatt tigi ezegwita.

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

18. In mertu ghall-eccezzjoni preliminari de quo, il-Qorti tinnota fl-ewwel lok illi d-decizjoni tal-ewwel Qorti illi ma tilliberax lill-Kummissjoni intimata mill-osservanza tal-gudizzju hija bbazata fuq il-fatt illi skont hi, il-Kumitat de quo ma jistax jitqies li hu entita` awtonoma mill-Kummissjoni, u konsegwentement, ma jistax jigi ritenut li ghandu personalita` guridika separata mill-Kummissjoni in kwistjoni. Fir-rikors tal-appell taghha, l-Kummissjoni intimata tissottometti illi l-Kumitat u l-Kummissjoni huma zewg entitajiet separati u distinti u di konsegwenza, hija ma setghetx tirrapprezentah fi proceduri legali.

19. Din il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-Kummissjoni appellanti in kwantu hi ghandha titqies bhala entita` separata mill-Kumitat u li ghalhekk il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri huwa biss il-Kumitat. Izda din il-Qorti tirrileva ab inizio li l-Kummissjoni ma gietx imharrka f'isimha proprio u ghalhekk mhijiex parti fil-kawza. Dan ifisser li, ghalkemm kif ser jigi spjegat aktar 'il quddiem din il-Qorti taccetta s-

sottomissjonijiet tal-Kumissjoni li din ma tirrapprezentax lill-Kumitat, mill-banda l-ohra mhijex ser tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu dak li qed titlob il-Kummissjoni, li hi tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju, huwa legalment insostenibbli la darba mhijiex parti fil-kawza.

20. Dwar il-vertenza dwar jekk il-Kummissjoni tirrapprezentax lill-Kumitat, din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

21. Fl-ewwel lok, il-Kumitat huwa imwaqqaf mill-istess Ligi illi waqqfet ukoll il-Kummissjoni u, dan kif ipprovdut fl-Artikolu 101A(6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jghid:

> '(a) Il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja għandha f'kull żmien ikollha Kumitat għall-Avukati uProkuraturi Legali li jkollu dik il-kompożizzjoni, u dawk il-funzjonijiet, <u>dawk is-setgħat u dmirijiet li jistgħu jiġu assenjati lilu b'liġi.</u> Il-Kummissjoni għandha fl-eżerċizzju ta' kull funzjoni tagħha relattiva għal professjonijiet ta' Avukati u Prokuraturi Legali,taġixxi permezz tal-imsemmi kumitat b'dak il-mod, u suġġett għal dik ir-reviżjoni kif dik il-liġi tista' tipprovdi.' [sottolinear tal-Qorti]

22. Mhux hekk biss, talli kif ben sollevat mill-Kummissjoni appellanti, l-istess artikolu jaghmel distinzjoni bejn l-Kumitat de quo, li huwa mwaqqaf bis-setgha tal-Kostituzzjoni, u kumitati ohra, li t-twaqqif taghhom thalla fid-diskrezzjoni tal-Kummissjoni. Fir-rigward il-paragrafu c tal-artikolu precitat jghid li:

> '(ċ) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-paragrafu ta' qabel dan, il-Kummissjoni <u>tista' taħtar dawk il-kumitati l-oħra biex jgħinuha fuq kull ħaġa li tiġi fil-funzjonijiet tagħha, kif jidhrilha xieraq.'</u> [sottolinear tal-Qorti]

23. Ma hijiex ghalhekk korretta l-ewwel Qorti meta fil-konsiderazzjonijiet taghha tishaq illi *"...ma jistax jigi ritenut li l-Kumitat de quo ghandu personalita` guridiku distinta biex ikun meqjus li verament ghandu ezistenza separata u indipendenti minn dik tal-Kummissjoni minn fejn jorigina."*[1] Dan jista' jinghad ghal kwalsiasi kumitat li l-Kummissjoni joghgobha tahtar taht l-Artikolu 101A(c) izda zgur mhux ghall-Kumitat in kwistjoni illi kif rajna, ma joriginax mis-setgha tal-Kummissjoni izda mil-Ligi nfisha.

24. Din il-Qorti tinnota wkoll illi ai termini tal-Artikolu 101A(6)(b) tal-Kostituzzjoni, kif ukoll tal-Artikolu 6 tal-Kap 369, jezisti dritt ta' appell lill-Kummissjoni minn deċiżjoni tal-Kumitat. Dan ikompli jikkonferma illi l-mansjonijiet tal-Kummissjoni u l-Kumitat huma ben distinti u separati minn xulxin, in kwantu jmur kontra il-principju ta' smiegh xieraq u tal-gustizzju naturali illi l-entita` illi tisma' l-kaz in prim istanza tkun l-istess wahda illi tisma' l-eventwali appell fl-istess proceduri. Il-fatt illi z-zewg ligijiet su-citati, li minnhom twieldu l-istess entitajiet, jiddelineaw il-funzjonijiet taghhom, u jisseparaw id-doveri tal-istess, huwa cara illi l-ligi stess trid illi dawn ikunu zewg organi separati u indipendenti minn xulxin.

25. Barra minnhekk, il-konkluzjoni illi l-Kummissjoni u l-Kumitat huma

---
[1] Pagna 13 tas-sentenza appellata.

zewg organi indipendenti minn xulxin, stabbiliti bil-Ligi u li ghandhom mansjonijiet u doveri separati u distinti, taghti sostenn lill-argument tal-Kummissjoni, illi l-Kummissjoni ma hijiex f'posizzjoni illi tezegwixxi eventwali sentenzi moghtija kontra taghha f'dawn il-proceduri. Harsa lejn l-ilmenti u t-talbiet tar-rikorrenti juru b'mod car illi dawn huma indirizzati lejn l-operat tal-Kumitat, anki ghaliex, il-Kummissjoni giet imharrka mhux f'isimha, izda in rapprezentanza tal-Kumitat, u ghalhekk it-talbiet necessarjament iridu jinkwadraw ruhhom fl-ambitu tal-mansjonijiet tal-istess Kumitat.

26. Huwa ghalhekk car illi in kwantu l-Kostituzzjoni stess tipprovdi illi *'fit-twettiq ta' dmirjiethom il-membri tal-Kummissjoni u ta' xi wiehed mill-Kumitati taghha ghandhom jagixxu skont il-gudizzju individwali taghhom u ma jkunux suggetti ghad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorita` ohra*'[2] kwalsiasi sentenza dwar l-operat tal-Kummissjoni jew tal-Kumitat rispettivament, ghandha tigi ezegwita mill-entita` in kwistjoni, u l-Kummissjoni ma tistax tesegwixxi wkoll gudizzju fil-konfront tal-Kumitat de quo.

27. Ghaldaqstant, din il-Qorti tikkonkludi li l-eccezzjoni tal-Kummissjoni, illi hija ma hijiex il-legittimu kuntradittur hija legalment insostenibbli stante li mhijex parti fil-kawza, u s-sentenza appellata qed

[2] Artikolu 101A(7) tal-Kostituzzjoni

tigi konfermata ghalkemm ghar-ragunijiet differenti minn dawk moghtija mill-ewwel Qorti. Izda, in linea mal-konsiderazzjonijiet maghmula minn din il-Qorti, tordna li ssir korrezzjoni fl-okkju billi jitnehhew il-kliem *"Il-Kummissjoni tal-Amministrazzjoni tal-Gustizzja in rapprezentanza tal"* u l-kawza titkompla kontra l-Kumitat.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; tordna li ssir il-korrezzjoni fuq indikata. L-ispejjez kemm tal-ewwel istanza kif ukoll dawk relatati mal-appell ikunu a kariku tal-Kummissjoni.

| | | |
|---|---|---|
| Tonio Mallia<br>Agent President | Noel Cuschieri<br>Imhallef | Anthony Ellul<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df